## Qorti tal-Maġistrati (Malta)

RIK NRU 337/2021 GĦAR-REVOKA TAL-MANDAT TA' SEKWESTRU KAWTELATORJU NUMRU 2420/2021 FL-ISMIJIET: **PRINCESS HOLDINGS LIMITED (C72528) V. INGRID KHAN (KI. 497676M)**

(REVOKA TA' MANDAT KAWTELATORJU – KAP. 12 ART. 836(1)(D)(E)(F))

### MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**20 ta' Frar 2023**

IL-QORTI,

wara li rat ir-rikors ta' Ingrid Kahn ("ir-rikorrenti sekwestrata" jew "ir-rikorrenti") ippreżentat fl-1 ta' Diċembru 2021[1] li permezz tiegħu għar-raġunijiet fih premessi talbet lill-Qorti s-segwenti:

GĦALDAQSTANT, l-esponenti Ingrid Busuttil, detentrici tal-karta tal-identita' numru 0497676M filwaqt illi qeda tirrispinġi *in toto* kull pretensjoni miġjuba kontriha mill-kumpannija sekwestranta, għal dawn il-motivi wkoll, qeda umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti, sabiex wara li tisma' l-partijiet biex jiġu ccarati iktar fil-fond dawn il-punti ta' fatt u ta' dritt, konsegwentement, jogħġobha tordna r-revoka *contrario imperio* tad-digriet tagħha li permezz tiegħu gie awtorizzat il-ħrug tal-Mandat ta' Sekwestru Numru 420/2021 kontra l-istess esponenti li ġie magħmul mill-kumpannija rikorrenti qua sekwestranta.

[1] Fol 1-16

L-esponenti tikkontendi bis-sahha kollha li ttiha l-Ligi illi dan huwa sekwestru bbażat fuq pretensjonijiet qarrieqa u informazzjoni li ġiet moħbija mill-Qorti bi skop doluż, li certament ixekkel il-perkors tal-ġustizzja u jivvittimizza lill-qua esponenti li dejjem imxiet bi *buona fede* u anki stenniet fuq li stenniet sabiex il-kumpannija li maghha ghamlet in-negozju fuq il-vettura imsemmija u surreferita, taghmillha t-trasferiment tat-titolu ta' proprjeta' ta' din il-vettura stess ghal fuq isimha.

wara li rat l-Ordni *in camera* tas-16 ta' Diċembru 2021[2];

wara li rat in-nota risponsiva ta' Princess Holdings Limited ("il-kumpanija intimata sekwestranta", "l-intimata sekwestrata" jew "l-intimata") tad-29 ta' Diċembru 2021 li permezz tagħha għar-raġunijiet fiha premessi talbet lill-Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet rikorrenti bl-ispejjeż[3],

wara li rat l-bqija tal-atti proċesswali inkluż kopja tal-mandat kawtelatorju li tiegħu qed tintalab ir-revoka[4] ,

qed tagħti dan id-

## Digriet

1. Kif inhuwa ben magħruf l-eżami li għandha tagħmel il-Qorti fi proċeduri ta' din ix-xorta huwa wieħed *prima facie* u dan għaliex eżami approfondit tal-mertu tal-kawża suppost għandu isir fil-kawża proprja.

2. F'din il-kawża, ir-rikorrenti sekwestrata qed tattakka l-validita' tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 2420/2021 u titlob ir-revoka tiegħu abbażi tal-Art. 836(1)(d), (e) u (f) tal-Kap. 12 li jipprovdu kif ġej:

> «**836.** (1) Mingħajr ebda preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt dan il-Kodiċi jew kull liġi oħra, l-intimat li jkun inħareġ att kawtelatorju kontrih jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun ħarġet l-att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawża, jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun qegħda tittratta dik il-kawża li fih jitlob li l-att kawtelatorju jiġi revokat, sew għal kollox jew f'parti minnu, għal xi waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin:
>
> …

[2] Fol 4-5
[3] Fol 7-11
[4] Fol 12-13

(d) **jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie ġustifikat jew ikun eċċessiv;** jew

(e) **jekk il-garanzija mogħtija titqies mill-qorti li tkun biżżejjed**

(f) **jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli.**... »

3. Il-lamenteli tar-rikorrenti huma essenzjalment tnejn:

    1. dik illi l-mandat ġie intavolat b'mod ħażin għaliex ma' hemmx relazzjoni legali u kuntrattwali bejn il-partijiet, u

    2. dik illi l-mandat ġie maħruġ b'qerq stante illi l-kambjali jirrappreżentaw ammonti allegatament dovuti abbażi ta' ftehim *hire and purchase* ta' vettura bejn ir-rikorrenti u kumpanija terza, liema vettura skond ir-rikorrenti tħallset *in toto*.

4. L-intimata tilqa' għat-talbiet tar-rikorrenti billi *inter alia* eċċepiet:

    1. illi b'mod preliminari kien jispetta lir-rikorrenti illi ai termini tal-Art. 836(2) tal-Kap. 12 tippreżenta flimkien mar-rikors tagħha mhux biss is-sottomissjonijiet kollha li kellha tagħmel iżda ukoll id-dokumenti kollha li jsostnu t-talba tagħha, u għalhekk stante illi ma' ppreżentat l-ebda provi ta' ħlas hija ma' setgħetx issa tressaq provi fil-mori tal-kawża,

    2. illi m'huwiex il-każ illi l-mandat inħareġ b'qerq jew b'mod ħażin u dan għaliex il-kambjali in kwistjoni kienu ġew ġirati lill-kumpanija intimata,

    3. illi l-kawżali Art. 836(1)(d), (e) u (f) ma' japplikawx għall-każ odjern.

**Proċeduri għal revoka ta' mandat kawtelatorju taħt l-Art. 836(1)(d) tal-Kap. 12**

5. Permezz tal-mandat kawtelatorju in kwistjoni l-intimata sekwestranta riedet tqiegħed fiż-żgur pretensjoni ta' kreditu ta' € 2,115 rappreżentanti ammont allegatament dovut lilha mir-rikorrenti sekwestrata *"pretiż permezz tal-ittra uffiċjali ai termini tal-artikolu 253(e) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, kopja annessa bħala Dok B"*.

6. Mill-kopji tal-kambjali annessi mal-ittra uffiċjali[5] jirriżulta illi l-kambjali ġew miġbuda mill-kumpanija No Deposit Cars Malta Ltd (it-traent ossia id-"*drawer"*) fuq ir-rikorrenti Ingrid Khan (it-trattarju ossia id-*"drawee"*) li wriet l-aċċettazzjoni tagħha bil-firma tagħha fuq kull kambjala. Il-kambjali nħarġu pagabbli lill-kumpanija No Deposit Cars Malta Ltd li għalhekk kienet kemm il-persuna li ġibdet il-kambjali (*drawer*) u anke l-persuna li għall-ordni tagħha kellhom jitħallsu (il-prenditur ossia il-"*payee"*).

7. Sussegwentement **dejjem skond il-kumpanija intimata** il-kambjali ġew imdawwra liha (i.e. ġirati ossia *"endorsed"*) minn No Deposit Cars Malta Ltd u għalhekk l-intimata saret il-benefiċċjarju l-ġdid tagħhom. Il-ġirata ta' kambjala mhux biss hija permissibbli mill-liġi[6] iżda fil-fatt hija l-karatteristika ewlenija u r-*raison d'être* ta' dan l-istrument ta' kreditu.

8. Fid-digriet fl-ismijiet: **"Stewart Desmond Stanley v. Therese Mangion Galea"** (336/2005 JRM, 29 ta' Lulju 2005) il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili qalet kif ġej:

> « "L-artikolu 836(1)(d) jiddisponi li mandat kawtelatorju jista' jiġi revokat jekk l-ammont mitlub m'huwiex 'prima facie' ġustifikat jew hu eċċessiv. Il-kejl li għandu jittieħed biex jitqies it-tħassir ta' Mandat kawtelatorju taħt din ir-ras huwa wieħed li jorbot il-kawżali tal-istess Mandat mal-kreditu msemmi fih. Dan ifisser li l-Qorti għandha tistħarreġ fl-ewwel lok jekk jirriżultax mad-daqqa t'għajn li r-rikorrent eżekutant għandu bażi ta' pretensjoni (dak li f'oqsma oħra ta' dritt jissejjaħ il-"fumus juris" tal-pretensjoni dedotta), u fit-tieni lok jekk wasalx biex "jillikwida" tali pretensjoni f'somma li taqbel mal-ammont minnu maħluf fil-Mandat. Wieħed m'għandu qatt jinsa f'dan il-kuntest, il-Qorti trid tkun gwidata mill-prinċipju li d-dritt għall-azzjoni ġudizzjarja m'għandux jiġi mfixkel jew imġarrab b'leġġerezza, u lieħor daqstant siewi li huwa dritt li persuna tħares l-interessi tagħha fil-milja tagħhom sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jiġi definit minn Qorti. Biex ammont imsemmi f'att kawtelatorju jitqies li huwa eċċessiv, jeħtieġ li jintwera li dan ikun eżaġerat fid-dawl tat-talba li ssir jew ikun tant grossolan li ma jistax ma jidhirx mad-daqqa t'għajn bħala wieħed magħmul b'mod ażżardat. Inoltre kif gie ribadit minn din il-Qorti kif diversament presjeduta "Ma hemmx ghalfejn li jigi pruvat li l-kreditu hu effettivament dovut. Jista' jkun bizzejjed li min qed jitlob il-hrug tal-mandat jikkonferma bil-gurament li hu kreditur tal-intimati. Dawn il-proceduri mhux intizi biex iservu ta' revizjoni ghar-rigward tal-ordni tal-hrug tal-mandat. Dawn il-proceduri jsiru sabiex jigi stabbiliti jekk jezistux l-estremi li trid il-ligi, skont il-provvedimenti tal-artikolu 836 tal-Kapitolu 12, sabiex il-mandat jigi revokat in parte jew in

---

[5] Fol 27-32
[6] Art. 136- Art. 147 tal-Kap. 13 tal-Liġijiet ta' Malta

toto. Ghalhekk mhux necessarjament jigu prodotti dokumenti sabiex jikonfermaw il-kreditu. Inoltre l-pretensjoni li l-mandat in kwistjoni hu ta' pregudizzju lill-rikorrenti mhux raguni valida ghala l-mandat ghandu jigi revokat. (ara : "Taormina Holdings Ltd v Biochemicals International Ltd." (PA/ GCD - 30 ta' Ottubru 2003). »

9. Għalkemm ma' ssemmix dan b'mod speċifiku (il-kawżali filfatt tissemma b'mod ġeneriku lejn l-aħħar tar-rikors), jidher li r-rikorrenti qed torbot din il-kawżali mal-pretensjoni tagħha illi:

    1. Il-kambjali ġew iffirmati flimkien ma' *hire purchase agreement* bejnha u bejn il-kumpanija No Deposit Cars Malta Ltd, f'liema ftehim il-kumpanija intimata m'hijiex parti. Għal din ir-raġuni biss skond ir-rikorrenti il-mandat huwa wieħed frivolu u vessatorju;

    2. Il-ftehim ġie ffirmat rigward vettura li tħallset *in toto* mir-rikorrenti u li l-*logbook* tagħha baqa' qatt ma' ġie mdawwar għal fuq ir-rikorrenti mill-venditriċi.

10. Fir-rigward tal-ewwel asserzjoni tar-rikorrenti jingħad, mingħajr il-bżonn li l-Qorti tidħol fil-mertu tal-każ, illi kull ġirata ta' kambjala toħloq relazzjoni legali ġdida li tkun distinta minn dik li tkun inħolqot preċedentement bejn il-partijiet mal-emissjoni tal-kambjala  jew ma' ġirata preċedenti. Għalhekk il-fatt biss illi l-prenditur ta' kambjala ma' jkollu x'jaqsam xejn mal-ftehim anteċedenti li jkun sar bejn il-prenditur oriġinali u d-debitur u li abbażi tiegħu tkun inġibdet il-kambjala, ma' jnaqqas xejn u m'huwiex ta' ostakolu għall-prenditur sussegwenti tal-istess kambjala (li tkun ġiet ġirata favur tiegħu) sabiex irendi l-"istess" kambjala eżegwibbli min-naħa tiegħu.

11. Naturalment dan ma' jfissirx li t-trattarju (debitur, ossia' r-rikorrenti sekwestrata Ingrid Khan) m'għandiex id-dritt li **<u>quddiem il-forum kompetenti</u>** tressaq il-provi kollha li hemm bżonn sabiex turi illi l-ġirata kienet magħmula b'mod frawdolenti sabiex jiġu leżi d-drittijiet tagħha. Fil-fatt it-tieni asserzjoni tar-rikorrenti hija proprju din u ċioe illi l-vettura tħallset kollha min-naħa tagħha u li l-kambjali baqgħu ma' ġewx kanċellati mill-kumpanija venditriċi. Il-Qorti tara li sabiex tanalizza din il-lamentela jkun jeħtieġilha illi tidħol f'ċertu dettal fil-fatti allegati mir-rikorrenti inkluż analiżi tal-ftehim bejn No Deposit Cars Malta Ltd u r-rikorrenti. Dan m'huwiex possibbli f'din il-proċedura u fis-sew lanqas m'huwa permissibbli fi proċeduri miftuħa ai termini tal-Art. 253(e) tal-Kap. 12 li ukoll jirrikjedu li l-Qorti tevalwa l-provi biss fuq livell ta' *prima facie.*

12. Mill-provi dokumentarji li ġew imressqa quddiemha il-Qorti mad-daqqa t'għajn ma' tirriskontra l-ebda prova, wisq anqas prova determinanti, li l-ammont mitlub mill-intimata sekwestranta huwa wieħed eċċessiv jew mhux ġustifikat. *Prima facie* l-intimata għandha bażi ta' pretensjoni x'tikkawtela u din ġiet kwantifikata f'somma li taqbel mal-ammont maħluf fil-mandat.

**Proċeduri għal revoka ta' mandat kawtelatorju taħt l-Art. 836(1)(e) tal-Kap. 12**

13. Fl-aħħar premessa tar-rikors tagħha r-rikorrenti tgħid illi *"sal-mument tal-uniku smiegħ konċess mill-Liġi tagħna għandu jkun hemm ammont kawtelat biżżejjed ġewwa l-Qorti illi jista' jinżamm bħala garanzija monetarja sakemm jiġi stradat u deċiż il-mertu tal-kontenzjoni in deżamina"*.

14. Għalkemm ma' ssemmix dan b'mod speċifiku (il-kawżali tissemma b'mod ġeneriku fl-istess premessa) jidher illi r-rikorrenti qed torbot din il-kawżali ma' garanzija monetarja li kienet ser toffri qabel is-smiegħ tar-rikors.

15. Din il-kawżali titratta l-eżistenza ta' garanzija mogħtija mir-rikorrenti li fil-fehma tagħha tkun waħda li għandha titqies biżżejjed mill-Qorti sabiex il-bżonn tal-mandat jaqa' fix-xejn.

16. Ġie stabbilit fil-ġurisprudenza fir-rigward tal-kawżali ta' "garanzija xierqa oħra" (Art. 836(1)(c)) – li pero tapplika daqstant ieħor għal din il-kawżali – illi:

> « ... biex jista' jingħad li teżisti garanzija xierqa oħra li tagħmel tajjeb għall-pretensjoni ta' min talab il-ħruġ tal-Mandat għall-finijiet tal-Artikolu 836(1)(ċ) tal-Kodiċi, irid jintwera li tali garanzija trid tkun tinstab fi ħdan l-istess persuna eżekutata, u dan, ġeneralment, minn sfħarriġ tal-ġid li hija jista' jkollha, ukoll jekk tali garanzija hija kostitwita "bil-ħruġ ta' att kawtelatorju ieħor".[7] Trid tkun ukoll ġid li l-eżekutat ikollu disponibbli għalih u mhux jibbenefika minnu bir-rieda ta' terzi.[8] Kreditu li jista' jkun dovut lill-persuna eżekutata minn terza persuna ma jammontax bħala garanzija adegwata fil-konfront ta' intimat eżekutat ieħor. Iżda, min-naħa l-oħra, l-biżgħa li l-ġid alternativ li jitressaq bħala garanzija jista' jintuża mid-debitur eżekutat biex jiggarantixxi xi obbligazzjoni oħra m'għandhiex, waħedha, sservi biex tirrendi dak il-ġid bħala mhux xieraq bħala garanzija alternativa għall-pretensjoni tal-eżekutant[9]. Wara kollox, il-Qorti tista' dejjem torbot lil min iressaq il-

[7] **John Zarb v. Port Cottonera Ltd** (Rik 883/2002 TM, deċiż PA, 18.09.2002)
[8] **Office Technology Ltd vs J.M. Supplies Co. Ltd.** (GCD, deċiż PA, 26.10.1999)
[9] **Emanuel Sammut et v. Josephine Sammut** (Rik 1094/2002 TM, deċiż PA, 05.06.2003).

> garanzija alternativa xierqa biex ma jagħmel xejn dwar dak il-ġid li bih jista' jnaqqas jew ixellef is-saħħa ta' dik il-garanzija;
>
> Illi, f'materja ta' garanzija xierqa alternativa, l-piż tal-prova li jeżisti ġid ieħor li jista' jagħmel tajjeb għall-pretensjonijiet tal-intimat eżekutant jaqa' biss fuq il-parti eżekutata rikorrenti[10]. Fuq kollox, tali garanzija trid tkun waħda soda, ċara u realiżżabbli lill-eżekutant. Il-garanzija alternativa għandha titfittex f'ħaġa tanġibbli fil-patrimonju tal-parti eżekutata li tkun disponibbli[11] u mhux fuq sempliċi wegħda jew xi ħaġa li tkun mistennija li sseħħ fil-ġejjieni[12] »

17. Mill-provi pero' ma' jirriżulta illi saret ebda garanzija, wisq anqas garanzija biżżejjed, li tista' tqiegħed fiż-żgur il-pretensjoni tal-intimata. Għalhekk din il-kawżali ma' tistax tintlaqa.

**Proċeduri għal revoka ta' mandat kawtelatorju taħt l-Art. 836(1)(f) tal-Kap. 12**

18. Hija posizzjoni stabbilita fil-ġurisprudenza tagħna illi sabiex mandat jiġi rexiss abbażi ta' din il-kawżali jeħtieġ li jkun hemm bidla fiċ-ċirkustanzi **wara** li jkun inħareġ il-mandat. Digriet li jiġi kkwotat ta' spiss f'dan ir-rigward huwa dak li kien ġie mogħti mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili mill-Onor Imħallef Joseph R. Micallef fil-25 ta' Awwissu 2010 fl-ismijiet "**Francis Spiteri et. v. Charles Darmanin et.**" (Rikors Numru. 571/2010 JRM) fejn il-Qorti kienet qalet hekk:

> « Illi jingħad ukoll li id-dispożizzjoni tal-liġi taħt eżami timplika li, wara l-ħruġ tal-Mandat, tkun tbiddlet xi ċirkostanza li minħabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess Mandat jibqa' (għal kollox jew in parti) fis-seħħ. Din it-tifsira toħroġ mill-kliem "jinżamm" u "aktar meħtieġ" li jinsabu fl-imsemmija dispożizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiġġustifika l-ħruġ u ż-żamma fis-seħħ tal-Mandat issa m'għadux il-każ »

19. F'dan is-sens ukoll din il-Qorti diversement presjeduta tenniet fis-sentenza fl-ismijiet **Roberto Carlos Calleja v. Gerard Dominic Borg Mizzi** (Rik. Nru. 1/2020 RM, deċiża 12 ta' Frar 2020) illi:

> «Kwantu ghas-sottomissjoni tar-rikorrent illi m'huwiex ragjonevoli illi l-Mandat de quo jinzamm fis-sehh jew illi l-att jew parti minnu m'huwiex iktar mehtieg jew gustifikabbli, il-

[10] **Dr. Tonio Fenech noe v. Dr. Patrick Spiteri pro et noe et** (Rik 746/2001/1 GC, deċiż PA, 03.08.2001)
[11] **Ranger Company Ltd vs Euro Imports Ltd**. (Rik 1366/2002 TM, deċiż PA, 20.02.2003)
[12] **John Zarb v. Port Cottonera Ltd** (Rik 883/2002 TM, deċiż PA, 18.09.2002). Ara ukoll **Gian Domenico Sarti v. Palazzo Events Limited** (Rik 1129/13 JRM, deċiż PA, 19/12/2013) u **Buz-Dov Developments Limited v. Gordon Farrugia et.** (Rik 28/2011 JRM, deċiż PA, 03/02/2011)

Qorti tosserva illi gie kostantement ritenut mill-qrati taghha illi l-interpretazzjoni korretta tal-Artikolu 836(1)(f) tal-Kap.12 tehtieg illi jintwera li tkun tbiddlet xi cirkostanza wara l-hrug tal-Mandat, li minhabba fiha ma jkunx xieraq li l istess Mandat jibqa' fis-sehh in toto jew in parti. Din it-tifsira tohrog mill-kliem "jinżamm" u "aktar meħtieġ" li jinsabu fl-imsemmija dispozizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiggustifika l-hrug u z-zamma fis-sehh tal-Mandat issa m'ghadux il-kaz. Sabiex issir din l-analizi wiehed irid jistabblixxi jekk mid-data tal-hrug tal-Mandat ghadhomx jissussistu l-kundizzjonijiet għall-hrug tal-Mandat. Issa, il-htigijiet tal-ligi procedurali ghall-hrug ta' mandat kawtelatorju huma li l-persuna li titlob il-hrug tal-Mandat:-

"(a) jkollha pretensjoni ta' dritt kontra l-persuna li dwarha jinħareġ il-Mandat;

(b) li ssir kawża li fiha tiġi mistħarrġa sewwasew dik il-pretensjoni ta' dritt;

(ċ)li l-Mandat irid ikun iħares ir-rekwiżiti mitluba mil-liġi dwar il-ħruġ tiegħu u

(d) li tali Mandat jinħareġ u jiġi esegwit taħt ir-responsabbilta` tal-persuna li tkun talbitu.

Illi fil-kaz odjern ma intweriex illi mid-data meta nhareg il-Mandat in kwistjoni, kien hemm xi tibdil fic-cirkostanzi sabiex il-Qorti tista' tasal biex tiddeciedi li l-hrug tal-mandat li kien ragjonevoli jew gustifikabbli, issa m'ghadux[13] »

20. L-istess raġunament japplika ukoll bis-sħiħ għal dan ir-rikors. Ma' tressqet l-ebda prova illi mill-mument li ġie intavolat il-mandat kien hemm xi bidla fiċ-ċirkustanzi li jagħmlu l-mandat mhux aktar meħtieġ jew ġustifikabbli. Għalhekk anke din il-kawżali ma' tistax tintlaqa'.

**Deċiżjoni**

21. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddisponi minn dan ir-rikors billi tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti sekwestrata bl-ispejjeż kontra tagħha.**

V.G. Axiak | Y.M. Pace

Maġistrat | Dep. Reġistratur

[13] L-istess insenjament jinstab f'numru kbir ta' sentenzi oħra inkluż f'sentenzi mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fosthom **Alfred Anton Zarifa u martu Olena Zarifa v. Alexander Mangion u Melvin Mangion** (Rik 1174/2018 LM, deċiża 11 ta' Frar 2019)